**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ |
| **DATA:** | 27 ta' Mejju 2017 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb Taqsima A u **TLIET** mistoqsijiet oħra li trid minn Taqsima B
Taqsima A għandha 40% tal-marka totali u Taqsima B għandha 60%.

## TAQSIMA A

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. Kull mistoqsija għandha 4 marki.**

1. B'liema mod il-mirakli għamlu s-Saltna ta' Alla reali?
2. Ġesù hu l-Midluk ta' Alla, il-Messija. Bil-qawwa ta' min ġie midluk Ġesù?
3. Dwar xiex kienet tittratta l-ereżija Doċetista?
4. X'inhu l-eżorċiżmu?
5. X'inhi l-assoluzzjoni?
6. Fit-Testment il-Qadim, liema tribù kien imsejjaħ għas-saċerdozju u x'kien ir-rwol tas-saċerdoti?
7. Liema attitudnijiet huma mitluba mill-ulied lejn il-ġenituri tagħhom?
8. Abram kif inhu mudell tat-talb?
9. Fiex tikkonsisti l-interċessjoni? Agħti eżempju **WIEĦED** mit-Testment il-Qadim.
10. Fisser it-talba 'Eħlisna mid-Deni'.

**(Total: 40 marka)**

## TAQSIMA B

**Agħżel TLIET mistoqsijiet u weġibhom fid-dettall. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

1.a. X'jgħid Tumas t'Aquinu favur l-eżistenza ta' Alla? (10)
b. Kif tispjega l-eżistenza tal-ħażen? (5)
c. Spjega dan il-kliem:
   i. Monoteiżmu; (1)
   ii. Rivelazzjoni; (1)
   iii. Abba; (1)
   iv. Ħażen; (1)
   v. Anġli. (1)

**(Total: 20 marka)**

2.a. Semmi **TLIET** referenzi għall-Ewkaristija mill-Bibbja. (6)
b. Spjega **ŻEWĠ** sentenzi ta' Ġesù dwar l-Ewkaristija. (6)
c. X'nifhmu b'dawn:
   i. Il-kelma Ewkaristija? (2)
   ii. Tifkira tas-sagrifiċċju tal-Għid ta' Ġesù? (2)
   iii. L-erba' partijiet tar-Rit Ewkaristiku? (4)

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

3.a. X'inhi l-Liġi Naturali? Semmi **ŻEWĠ** eżempji biex issaħħaħ l-argumenti tiegħek. (10)

b. Il-Liġi Naturali waħidha mhix biżżejjed għalhekk Ġesù ħallielna l-Liġi l-Ġdida biex twassalna għas-salvazzjoni.

i. X'inhi din il-Liġi l-Ġdida? (6)

ii. B'liema mod il-Liġi l-Ġdida wettqet il-Liġi l-Qadima? (4)

**(Total: 20 marka)**

4.a. Liema huma t-**TLIET** tixbihat bibliċi prinċipali li jiddeskrivu l-Knisja? (3)

b. Spjega l-għejun bibliċi ta' dawn it-tixbihat tal-Knisja. (6)

c. Liema huma l-**ERBA'** marki tal-Knisja? (1)

d. Il-Knisja f'din id-dinja hi sagrament ta' salvazzjoni, sinjal u strument tal-komunjoni ta' Alla mal-bnedmin. (KKK 780). Spjega dawn il-kelmiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-Knisja:

i. Sagrament; (2)

ii. Salvazzjoni; (2)

iii. Sinjal; (2)

iv. Strument; (2)

v. Komunjoni. (2)

**(Total: 20 marka)**

5.a. Għaliex is-seba' u l-għaxar kmandament huma fundamentali fil-ħajja Nisranija? (4)

b. Agħti **ŻEWĠ** eżempji għal kull waħda minn dawn li ġejjin:

i. Rispett lejn il-propjetà tal-oħrajn; (4)

ii. Rispett lejn l-integrità tal-ħolqien. (4)

c. X'nifhmu bi "dritt għall-propjetà privata"? (2)

d. X'jipprojbixxi l-għaxar kmandament? (6)

**(Total: 20 marka)**

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

UNIVERSITY OF MALTA, MSIDA

MATRICULATION EXAMINATION
INTERMEDIATE LEVEL
MAY 2017

| | |
|---|---|
| **SUBJECT:** | RELIGIOUS KNOWLEDGE |
| **DATE:** | 27th May 2017 |
| **TIME:** | 9.00 a.m. to 12.05pm. |

Answer Section A and **ANY THREE** questions from Section B
Section A carries 40% of the total mark while Section B carries 60%.

## SECTION A
**Answer ALL questions. Each question carries 4 marks.**

1. In what way did miracles make the Kingdom of God real?
2. Jesus is the Anointed one of God, the Messiah. By whose power was He anointed?
3. What is the Docetist heresy about?
4. What is exorcism?
5. What is absolution?
6. In the Old Testament, which tribe was called to the priesthood, and what was the role of priests?
7. Which attitudes are required by children towards their parents?
8. How is Abraham a model of prayer?
9. What does intercession consist of? Give **ONE** example from the Old Testament.
10. Explain the prayer 'Deliver us from Evil'.

**(Total: 40 marks)**

## SECTION B
**Answer THREE questions in detail. Each question carries 20 marks.**

1.a. What does Thomas Aquinas say in favour of the existence of God? (10)
b. How do you explain the existence of evil? (5)
c. Explain the following terms:
  i. Monotheism; (1)
  ii. Revelation; (1)
  iii. Abba; (1)
  iv. Evil; (1)
  v. Angels. (1)

**(Total: 20 marks)**

2.a. Mention **THREE** references to the Eucharist in the Bible. (6)
b. Explain **TWO** sentences uttered by Jesus about the Eucharist. (6)
c. What do we mean by:
  i. The word Eucharist? (2)
  ii. Memorial of Christ's Passover sacrifice? (2)
  iii. The four parts of the Eucharistic rite? (4)

**(Total: 20 marks)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

3.a. What is Natural Law? Give **TWO** examples to sustain your answer. (10)

b. Natural Law by itself is not enough, that is why Jesus gave us the New Law to bring us to salvation.

   i. What is this New Law? (6)

   ii. In what way did the New Law fulfil the Old Law? (4)

**(Total: 20 marks)**

4.a. Which are the **THREE** main biblical images that describe the Church? (3)

b. Explain the biblical foundations of these images of the Church. (6)

c. Which are the **FOUR** marks of the Church? (1)

d. The Church in this world is the sacrament of salvation, the sign and the instrument of the communion of God and humanity (CCC 780). Explain the following terms in relation to the Church:

   i. Sacrament; (2)

   ii. Salvation; (2)

   iii. Sign; (2)

   iv. Instrument; (2)

   v. Communion. (2)

**(Total: 20 marks)**

5.a. Why are the seventh and the tenth commandments fundamental to Christian life? (4)

b. Give **TWO** examples for each of the following:

   i. Respect for the goods of others; (4)

   ii. Respect for the integrity of creation. (4)

c. What do we mean by "the right to private property"? (2)

d. What does the tenth commandment forbid? (6)

**(Total: 20 marks)**